**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 514/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jonathan Said**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jonathan Said, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 29975(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Mejju 2022 għall-ħabta ta' 17:45hrs fi Triq il-Wied, Birkirkara, saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni OOM030 :

1. B'manjiera traskurata;
2. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża;
3. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġunajt offiża gravi fuq il-persuna ta' Josef Portelli mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 219 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skond kif iċċertifika Dr Daniel Mizzi MD mill-MDH.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' April 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet

ta' Malta, Art. 226(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Art. 36B tal-L.S. 65.18 u s-Sitt Skeda ta' L.S. 65.18 sabet lill-imputat Jonathan Said mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu minn kull ħtija u piena dwar l-istess, iżda ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu għal multa ta' elfejn u tlett mitt Ewro (2300) u li l-imputat ikun skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal żmien tlett (3) xhur u għaxar (10) punti fuq il-liċenzji kollha tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant Jonathan Said, ippreżentat fit-22 ta' April 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija nhar id-9 t'April 2024 u tilliberah minn kwalunkwe ħtija u minn kwalunkwe piena mposta f'dan ir-rigward, jew fin-nuqqas li tagħmel dan, li tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja u billi tbiddel il-piena erogata mill-Qorti tal-ewwel istanza fil-konfront tiegħu għal waħda aktar mita u idoneja fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 11 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ventilat, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-provi proċesswali u/jew applikat ħazin il-prinċipji probatorji in materia konnessi mal-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali, liema nuqqasijiet sarrfu fi tlett konkluzzjonijiet zbaljati, ċioe': i) li s-sewqan tal-appellant jikkwalifika bħala 'sewqan perikoluz' f'għajnejn il-liġi, ii) li s-sewqan tal-appellant kien il-kawza prossima tal-ġrieħi sofferti mill-parti offiża, u iii) li l-prosekuzzjoni ressqet provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni dwar l-elementi kollha tar-reati formanti l-mertu tal-akkużi in kwistjoni. Jisħaq li huwa zamm "*a proper lookout*", li ma kienx qed

isuq b'mod perikoluż, tant illi ma kien hemm ebda impatt bejn il-vettura misjuqa minnu u l-mutur tal-allegat vittma ta'l-inċident, u li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet skoretta meta sabitu ħati tal-istess.

Illi, ġaladarba dan l-aggravju jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1], kif inhu fis-setgħa tagħha li tagħmel.

Illi, l-inċident mertu ta' dan il-każ seħħ nhar l-4 ta' Mejju 2022 ġewwa Triq il-Wied, Birkirkara bejn mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni JOS-598 misjuq mill-parti offiża u vettura misjuqa mill-appellant bin-numru OOM-030. Huwa nkontestat li ma kien hemm ebda impatt bejn il-mutur u l-vettura, iżda l-mutur għafas il-brejk hekk kif lemaħ il-vettura tal-appellant ser tinvadi il-karreġġjata tiegħu tat-traffiku tant illi l-mutur spiċċa f'nofs it-triq, maqlub fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, u s-sewwieq mkaxkar fl-art tant illi sofra ġrieħi ta' natura gravi. Illi PS 408 Mark Schembri fl-*affidavit* tiegħu isostni illi:–

> **Minn stħarriġ preliminari li sar fuq il-post ġie stabbilit illi waqt li l-mutur JOS-598 kien qed jiġi misjuq ġewwa Triq il-Wied fid-direzzjoni ta' Birkirkara mis-sewwieq ċertu Yosef Portelli hekk kif wasal quddiem is-showroom ta' Satariano vettura Nru:OOM-030 kienet qed iddur minn quddiem is-showroom ta' Satariano billi għamel U-Turn mit-triq sekondarja li tiġi parallel ma' Valley Road lejn id-direzzjoni ta' Birkirkara meta s-sewwieq tal-mutur għafas il-brake f'daqqa biex jevita l-inċident izda b'konsegwenza skiddja u waqa' ma' l-art.**

Illi, l-istess uffiċjal tal-Pulizija, fit-testimonjanza mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti spjega ukoll li fejn seħħ l-inċident, il-linji bojod tat-triq kienu "***continuous***" u li

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

huma miksura ftit aktar 'il fuq fl-istess triq. Madanakollu, meta mistoqsi in kontro-eżami ma kienx f'posizzjoni jindika b'ċertezza jekk filfatt il-vettura tal-appellant kinitx qabzet il-"*continuous white line*" *o meno*. Finalment huwa ppreżenta kopja tal-filmati meħuda minn kamera CCTV li juru l-inċident *de quo* seħħ.

Illi, fl-ewwel verzjoni tal-fatti mogħtija lill-Pulizija l-vittma igħid illi kien qed isuq ġewwa Valley Road fid-direzzjoni ta' Birkirkara meta vettura qabdet u ħarġet għal fuqu, żamm il-*brake* f'daqqa biex jevita l-impatt u spiċċa skiddja. Illi, meta huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, stqarr li l-appellant kien qasam il-karreġjata u ħareġ quddiemu qisu kien ħa jagħmel *U-Turn*. Jgħid li l-vettura ma laqtitux, iżda li kieku huwa ma għafasx il-brejk tempestivament kien jispiċċa jibqa' dieħel fl-imsemmija vettura.

Illi, ix-xhud okulari Christopher Colombo, *a tempo vergine* saħaq mal-Pulizija li:

> "**Kont għaddej minn Triq il-Wied direzzjoni ta' B'Kara u l-mutur kien ġej mid-direzzjoni ta' warajja, smajt il-ħoss ta' l-inċident, dawwart u nzilt nagħti l-ewwel għajnuna u ċempilt 112. Innutajt li l-vettura BMW sewda kienet f'nofs it-triq tħares wieqfa u qabel kienet qed iddur minn naħa tax-xellug tat-triq**".

Meta xehed *viva voce*, huwa jikkonferma li filfatt ma kienx ra l-inċident iseħħ.

Illi, miċ-ċertifikat mediku maħruġ mit-Tabib Daniel Mizzi, jirriżulta li kawża ta' dan l-inċident Josef Portelli sofra ġrieħi ta' natura gravi li kienu jikkonsistu f' ***Displaced fracture of the right radial head, Right radial styloid fracture*** u ***Perilunate dislocation of the right wrist.***

Illi, l-appellant għażel li jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti fejn xehed li meta huwa kien ħiereġ mis-*side road* in kwistjoni, kien hemm karozza bajda pparkjata u peress li ma setax jara sew "**bilfors kelli noħroġ ftit biex nesponi nara x'inhu ġej traffiku minn naħa tar-right**". Saħaq li l-linji tat-triq huma "***broken white lines***", liema linji kienu "***faded***".

**Ikkunsidrat:**

Illi, abbażi ta' din l-evidenza l-Ewwel Qorti sabet ħtija għar-reat tas-sewqan perikoluż, kif ukoll dak tal-offiża gravi involontarja, b'ħafna evidenza ċirkostanzjali ma

tinġabarx, kif jikkontendi l-appellant, bħal provi li setgħu jindikaw il-veloċita' li bih kien qed jinstaq il-mutur, *brake marks* u saħansitra provi li setgħu jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-vettura u l-mutur wara li seħħ l-inċident. Illi ukoll, għalkemm minn naħa l-waħda huwa minnu li ma sar l-ebda skizz u ma ttieħed l-ebda ritratt tax-xena tas-sinistru, madanakollu minn naħa l-oħra hemm il-filmat meħud minn kamera tas-sigurta' (CCTV) li ġie pprezentat in atti li juri d-dinamika ta'l-inċident u li għalhekk, permezz ta' l-istess, din l-Qorti tista' tapprezza sew dak li rejalment seħħ.

Jibda biex jingħad illi kuntrarjament għal dak li jallega l-appellant, kemm mir-ritratti ezebiti in atti kif ukoll mill-filmati, jirrizulta biċ-ċar li l-linji fit-triq prinċipali kienu linji bojod kontinwi għalkemm dawn kienu ċari ħafna u li ż-żebgħa kienet bdiet tmur. *In oltre*, mill-istess filmati, senjatament minn dawk meħuda minn "*Camera 2*" tidher il-vettura sewda tal-appellant tal-għamla BMW wieqfa tistenna sabiex toħroġ mir-*road of convenience*. Tidher ukoll tersaq ftit il-quddiem, imbagħad tagħti s-salt u tintenta toħroġ lejn d-direzzjoni l-opposta li tieħu lejn Birkirkara. Din il-manuvra għalhekk saret kontra r-regoli tat-traffiku, kif indikat bis-sinjali fit-triq, sabiex b'hekk is-sewwieq tal-mutur sab quddiemu emerġenza subitanea li pprova jevita, għafas il-brejk, iżda l-mutur spiċċa skiddja u hu waqa' mal-art fejn sofra diversi ġrieħi. Illi f'dan ix-xenarju probatorju huwa indubitat illi fuq spallejn l-appellant kien jinkombi dmir ikbar għaliex kellu jaċċerta ruħu illi bil-manuvra li kien ser jagħmel fejn kien ser jinvadi il-karreġġjata mhux biss tat-traffiku minn fejn kien qed jipproċedi l-mutur, iżda ukoll tal-karreġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni ta' Birkirkara lejn l-Imsida, ma kienx hemm traffiku fit-triq qabel jintenta jirfes fuq *main road*, iktar u iktar meta il-marki regolamentari fit-triq kienu qed jindikaw illi din il-manuvra fi triq arterjali bħal ma hi Triq il-Wied, ma setatx issir. Dan anke fid-dawl tal-fatt illi l-appellant stess, *ex admissis,* igħid illi l-viżwali tiegħu kienet ostakolata b'vettura ipparkeġġjata fit-triq.

Illi l-Mantovani u l-Padovani jindikaw illi il-*culpa* tistrieħ fuq erba' elemanti u ċioe':

1. ***un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;***
2. ***un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;***
3. ***l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;***

4. ***la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.***

Illi, huwa indubitat illi l-appellant kiser dawn l-erba' rekwiżiti u dan għaliex bil-manuvra tiegħu li, kif ingħad, kienet kontra r-regolamenti tat-traffiku, seta' ippreveda u anke seta' evita l-konsegwenzi ta'l-inċident li kieku aġixxa diversament. Għalhekk, f'dan il-kwadru probatorju, din l-Qorti temmen li l-kawża prossima ta'l-inċident kien mhux biss il-fatt illi l-appellant ma zammx "*a proper lookout*" fis-sewqan tiegħu, iżda ukoll għamel manuvra perikoluża kontra s-sinjali tat-traffiku, biex b'hekk il-mutur sab vettura inaspettatament qed tinvadi il-karreġġjata tat-traffiku fejn kien qed jinsaq. Jikkonsegwi għalhekk li ma hemm xejn sindikabbli fid-deċizjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti li setgħet legalment u raġjonevolment issib ħtija fl-appellant. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jisħaq li din ma tirrispekjax il-fatti partikolari ta' dan il-każ u/jew hija eċċessiva u sproporzjonata.

Illi, jingħad qabel kull konsiderazzjoni oħra illi kif kien diversi drabi affermat fil-ġurisprudenza, qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2] .

Illi, huwa indubitat illi l-piena mposta mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-liġi fejn l-appellant kien ikkundannat għal ħlas ta' multa ta' €2300, kif ukoll għal sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal tlett xhur u imposizzjoni ta' għaxar punti penali. Jingħad biss illi l-fatturi ndikati mill-appellant li kellhom iwasslu għal xi mitigazzjoni fil-piena huma għal kollox mingħajr bażi u dan għaliex, il-fatt li ma kienx

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

hemm impatt bejn il-vettura u l-mutur ma jimmilitax favur tiegħu, iktar u iktar meta huwa evidenti li l-impatt kien evitat f'dan il-każ grazzi għall-azzjoni evasiva u tempestiva li ħa is-sewwieq tal-mutur biex jevita konsegwenzi iktar serji. Illi mbagħad ma kien hemm ebda negliġenza kontributorja minn naħa tal-vittma li setgħet tintitola lill-appellant għal xi skont fil-kalibrazzjoni tal-piena. Għalhekk anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi l-iskwalifika tal-liċenzja mposta fuqu tidħol fis-seħħ fid-disgħa ta' għada filgħodu.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**